

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tal-5 ta' Mejju 2011 —
Evropaïki Dynamiki vs Il-Kummissjoni**

(Kawża C-200/10 P)

“Appell — Klawżola ta' arbitraġġ — Kuntratt dwar sostenn finanzjarju Komunitarju allokat lil proġett fil-kuntest tal-programm ‘eContent’ — Rexissjoni tal-kuntratt mill-Kummissjoni — Rimbors tal-ispejjeż eliġibbli — Motivazzjoni tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali”

1. *Proċedura — Eċċezzjoni ta' inammissibbiltà — Eċċezzjoni mhux sostnuta minn argumenti preċiżi — Ċaħda tal-eċċezzjoni (Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, Artikolu 91) (ara l-punti 17-19)*
2. *Appell — Aggravji — Ksur tal-obbligu li tingħata risposta għall-aggravji u għat-talbiet tal-partijiet — Aggravju intiż sabiex jipprova l-eliġibbiltà ta' spejjeż li jirriżultaw mill-eżekuzzjoni ta' kuntratt dwar sostenn finanzjarju tal-Unjoni għal proġett fil-kuntest ta' programm b'kontenut elettroniku — Nuqqas tal-Qorti Ġenerali li tagħti deċiżjoni — Appell fondat (Artikolu 272 TFUE; Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 58) (ara l-punti 32, 33, 42, 43)*
3. *Appell — Aggravji — Motiv ippreżentat għall-ewwel darba fil-kuntest tal-appell — Inammissibbiltà (Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, Artikolu 113(1)) (ara l-punti 67, 68)*
4. *Appell — Aggravji — Evalwazzjoni żbaljata tal-fatti — Inammissibbiltà — Stħarriġ mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-evalwazzjoni tal-fatti sottomessi lill-Qorti Ġenerali — Esklużjoni ħlief fil-każ ta' żnaturament (Artikolu 256 TFUE; Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 58) (ara l-punti 81-84)*

Suġġett

Appell mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali (Ir-Raba' Awla), tad-9 ta' Frar 2010, Evropaïki Dynamiki vs Il-Kummissjoni (T-340/07), li permezz tagħha l-Qorti Ġenerali ċaħdet rikors ibbażat fuq klawżola ta' arbitraġġ intiża sabiex tikseb il-kundanna

tal-Kummissjoni għall-ħlas, minn naħa, tas-somom allegatament dovuti lill-appellanti u, min-naħa l-oħra, tad-danni wara r-rexissjoni tal-kuntratt dwar sostenn finanzjarju Komunitarju allokat lill-proġett “e-Content Exposure and Business Opportunities” (“EEBO”) (Kuntratt Nru EDC-53007 EEBO/27873), konkluż fil-kuntest tal-Programm Komunitarju multiannwali intiż sabiex jistimola l-iżvilupp u l-użu tal-kontenut diġitali Ewropew fuq in-netwerks mondjali u sabiex jippromwovi d-diversità lingwistika fis-soċjetà tal-informazzjoni (Programm “eContent”).

Dispożittiv

- 1) Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, tad-9 ta' Frar 2010, Evropaïki Dynamiki vs Il-Kummissjoni (T-340/07) hija annullata sa fejn, permezz ta' din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali naqset milli tagħti deċiżjoni dwar it-talbiet ta' Evropaïki Dynamiki — Proigmena Systimata Tilepikoinonion Pliroforikis kai Tilematikis AE intiżi, minkejja x-xoljiment tal-kuntratt EDC 53007 EEBO/27873, sabiex il-Kummissjoni tiġi kkundannata tħallasha s-somma ta' EUR 172 588,62, li tikkorrispondi għall-ispejjeż li għadhom ma ġewx irrimborsati mill-Kummissjoni u li ġew sostnuti minnha fil-kuntest tal-imsemmi kuntratt.
- 2) Il-kawża hija rrinvjata quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni sabiex tagħti deċiżjoni dwar l-imsemmija talbiet ta' Evropaïki Dynamiki — Proigmena Systimata Tilepikoinonion Pliroforikis kai Tilematikis AE.
- 3) L-ispejjeż huma rriżervati.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tal-5 ta' Mejju 2011 — Il-Kummissjoni vs il-Belġju

(Kawża C-265/10)

“Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Regolament (KE) Nru 1907/2006 — Sustanzi kimiċi — Reġistrazzjoni, valutazzjoni, awtorizzazzjoni ta' dawn is-sustanzi u